# BIEX NAGHARFU NGHIXU

*Ta'* G.Z.A.

Mit-tiġrib tal-ħajja l-bniedem jitgħallem, u l-għerf li jikseb igħaddih lil uliedu; dawn iżidu tagħhom miegħu u jerġgħu jgħadduh lil ta' warajhom. B'dan il-mod aħna ksibna ħafna għerf minn ta' misserijietna u jmissna għalhekk nimxu tajjeb ma' tul it-triq tal-ħajja.

Ħafna minn dan l-għerf wasal għandna f'għamla ta' qwiel, infatti, "kliem ix-xiħ żomm fih" igħid il-qawl; u dan hu sewwa sew għaliex għandek "issaqsi lill-imġarrab" u mhux taqbeż b'għajnejk magħluqa. Iżda mhux mill-qwiel jew għidut biss nitgħallmu t-tiġrib tal-imgħoddi, għaliex dan ġie li jasal għandna wkoll taħt sura ta' xi ħrafa, storja, allegorija u x'naf jien: Eżopu għallimna permezz ta' ħrejjef li fihom il-bhejjem u t-tjur jaħsbu u jitkellmu; Kristu għallimna bil-parabboli. Nistgħu, infatti, ngħidu li bl-istorja, f'għamla jew oħra tagħha, inqdew bosta għorrief li kienu jgħixu f'kull naħa tad-dinja, biex iwasslulna f'libsa mlewna l-ħsebijiet tagħhom.

* * *

Il-Lhud huma poplu antik ħafna li sa minn żmenijiet bekrin kellu min imexxih u jgħallmu; dawn huma r-Rabbin. Din l-istorja li ġejja qalha weħed minnhom.

* * *

Kien hawn darba Rabbi għaref ħafna imma li ma kienx jitmeżmeż igħid xi ħliqa. Bħalma hi drawwa tar-Rabbin dan kien igħallem fis-sinagoga fejn kien jiġbor madwaru l-istudenti tiegħu. Darba wieħed minnhom staqsieh: "Ja mgħallem, kemm-il darba inti turi l-ħaqq u s-sewwa ta' xi tagħlima billi tgħidilna storja; għaliex?" "L-aħjar mod li nfissirlek dak li tixtieq tkun taf hu li ngħidlek storja, mela isma' " wieġeb ir-Rabbi. "Bosta snin ilu fost il-bnedmin deher is-Sewwa, is-sewwa biss bla ebda tiżjin jew xniexel oħra. Iżda ġara li kull min kien jixħet għajnejh fuqu, jew għax jibża' minn jew għax jistħi, malajr kien idawwar wiċċu u jfittex jaħrab minnu; tant, li għalkemm l-imsejken Sewwa mar f'kull naħa tad-dinja u pprova kemm felaħ jindiehes mal-bnedmin, ħadd ma tah wiċċ u laqgħu f'daru, imma kulħadd skartah u ħarab minnu.

Darba waħda, meta b'qalbu mimlija niket kien wasal biex jaqta' jiesu għal kollox mill-bnedmin, iltaqa' ma' xbejba tassew ħelwa, fuq ruħha u liebsa b'mod li tiġbdek għax kien jixirqilha għall-aħħar. Din ix-xbejba li kien jisimha TIXBIHA, meta ratu hekk qalbu sewda ġietha ħniena minnu, resqet fuqu u staqsietu:

"Għaliex int daqshekk imdejjaq?"

"Ara għaliex?" weġibha; "għaliex jien tant xiħ u ikreh li kulħadd iwarrabni".

"U tgħidx ħmerijiet!" reġgħet ix-xbejba. "In-nies ma tistmerrekx għalhekk; ara x'tagħmel: ejja miegħi d-dar; hemm xi lbies ta' raġel li ta' kultant ifittilli nxidd; ilbisħom inti u mbagħad naraw x'jiġri".

Hekk għamel is-Sewwa; u ġara li kull fejn beda jmur in-nies bdiet tilqgħu u tifraħ bih.

"Din hi l-istorja li ridt ngħidlek" temm ir-Rabbi, waqt li tbissima ħelwa nfirxet fuq wiċċu; "għax għandek tkun taf", issokta, "li l-bnedmin ma jobogħdux is-Sewwa, iżda ma jridux jarawh sewwa sew kif inhu".

* * *

Min, dan l-aħħar ma semax bil-Buddisti? Din li ġejja jgħiduha huma:

Waħda mara li ma kenitx ilha li żżewġet u li kienet għadha fl-aħjar tagħha messetha x-xorti ħażina li tmutilha qasir il-għomor l-ewwel tarbija tagħha. Din l-imsejkna omm tant ħasset għat-telfa tagħha li bdiet tiġġerra mat-toroq titlob lil kull min tara jagħtiha xi duwa biex biha tkun tista' terġa' tagħti l-ħajja lil bintha.

Xi wħud ħassew għaliha, iżda billi ma setgħu jagħmlu xejn biex ifarrġuha, malajr telquha u baqgħu sejrin għal riħhom; oħrajn bdew jiddieħku biha u jgħajruha miġnuna. Ħadd ma seta' jittamaha; imma fl-aħħar iltaqgħet ma' xiħ li meta raha f'dik is-sura ġietu ħniena minnha u qallha: "Fid-dinja hawn wieħed biss li jista' jagħmel dan il-miraklu. Dan hu l-Perfett li jgħix fuq il-quċċata tal-muntanja; mur, sibu u itolbu jgħinek".

Hekk għamlet l-imsejkna ta' mara, u wara ħafna taħbit waslet quddiem Buddha. B'wiċċha ma' l-art, tolfoq, talbitu jagħtiha lura lil bintha. U l-għaref weġibha hekk: "Mur lura l-belt u ħabbat bieb, bieb, sakemm issib żerriegħa tal-mustarda f'dar li fiha ma daħlet qatt il-mewt; meta ssibha, ġibhieli".

Qalbha tfur bil-ferħ għax mimlija bit-tama, il-mara għaġġlet lura lejn il-belt u ħabbtet il-bieb ta' l-ewwel dar li sabet: "Il-Buddha qalli noħodlu żerriegħa tal-mustarda minn dar li fiha ħadd ma miet", qalet lil min fetħilha. "Mela ħabbat bieb ieħor għax f'din id-dar bosta huma dawk li mietu", weġbuha.

L-istess qalulha meta ħabbtet it-tieni, it-tielet u r-raba' bieb. U meta daret il-belt kollha, bieb, bieb, ma sabetx dar waħda biss li fiha l-mingel tal-mewt ma kienx ħasad il-ħajja ta' xi ħadd.

Qalbha ttaqtaq u mimlija bil-biża', issa reġgħet għal fuq il-muntanja; meta waslet fuq il-quċċata sabet lil Buddha jistennieha:

"Ġibthieli ż-żerriegħa tal-mustarda?" staqsieha; "le", weġbitu, "imma lanqas ma jien se nfittixha aktar; mill-belt tlaqt b'qalbi mimlija niket għaliex ma kienx irnexxieli nsib dak li kont xtaqt, iżda jiena u tielgħa 'l hawn fuq ħsibt u rajt li l-mewt mhux lili biss żaret". "Mela għaliex issoktajt tielgħa sa ħdejja?" reġa' staqsieha l-Buddha. "Biex inti tgħidli dak li tassew minnu", weġbitu l-mara, ġwejda, ġwejda.

"Mela iftaħ widnejk u isma' " qallha l-Buddha, "u dak li se ngħidlek sorru f'qalbek biex ma tinsieh qatt — ma hawnx liġi tal-ħajja, ma hawn xejn f'din id-dinja li ma jinbidilx ħlief ħaġa waħda biss: il-mewt; din ma taħfirha lil ħadd, u kull min twieled, imut".

* * *

Il-Qoran fih għerf li Mawmettu ħa mit-tagħlim tal-Lhud u dak ta' l-Insara dwar il-ħajja tar-ruħ; fih ukoll x'wieħed jista' jitgħallem dwar il-ħajja tal-ġisem, il-ħajja ta' bnedmin li qed igħixu f'din id-dinja. Il-kultura musulmana tat ħafna lid-dinja għax il-Misilmin ukoll għandhom il-filosfi tagħhom.

* * *

Wieħed Paxha kien qed ibaħħar fuq bastiment kbir u sabiħ meta qamet maltempata tal-biża'. Fost iċ-ċorma kien hemm irsir li qatt qabel ma kien baħħar u għalhekk beża' u tniehed, beka u werżaq, tant li sħabu ġiethom ħniena minnu; imma ebda kelma ma setgħet tqawwilu qalbu.

Sa fl-aħħar b'dak it-tinwiħ kollu dejjaq saħansitra lill-Paxha li b'leħen għoli saqsa jekk abbord kienx hemm xi ħadd li kellu l-ħila jsikket lil dak il-ġifa ta' rsir.

Fost in-nies l-oħra fuq il-bastiment inzerta kien hemm filosfu li meta sema' kliem il-Paxha talbu jħalli jagħmel hu ħalli jsib tarf kif isodd ħalq dak l-imsejken. U l-Paxha ħalla f'idejh.

Wara ħarsa sewwa fuq dak l-irsir, il-filosfu sejjaħ erba' baħrin u ordnalhom jorbtu l-irsir minn qaddu u jixħtuh il-baħar, imma jibqgħu jżommu ċ-ċima f'idejhom. L-irsir, f'dak il-baħar imqalleb beda jħoss ruħu se jegħreq u aktar beda jgħajjat u jagħti b'idejh u riġlejh biex il-ħalel ma jibilgħuhx.

Imbagħad il-filosfu reġa' ordna lill-baħrin jiġbdu l-irsir u jtellgħuh fuq il-gverta. Hekk għamlu u meta l-irsir reġa' sab ruħu abbord mar trekken wara krikk, qabad ma' ċima li kienet marbuta miegħu u mbikkem kif kien, iżda medhi biss li l-mewġ ma jerġax jiġbdu miegħu fil-baħar, ma fetaħx ħalqu aktar.

Meta ra dan il-Paxha stagħġeb u staqsa lill-filosfu kif kien irnexxielu jsikket lil dak il-beżżiegħ.

"Ħaġa żgħira", wieġeb il-filosfu; "dak l-irsir qabel ma ra

l-għarqa ma' wiċċu ma setax jifhem kemm tħossok aktar żgur minn ħajtek meta tkun fuq bastiment minkejja l-fatt li jkun tiela' u nieżel mal-mewġ u l-ħalel jkunu jgħattuh.

L-anġli li hemm il-ġenna jqisu l-purgatorju ikreh daqs l-infern, imma l-indannati ġewwa l-infern iqisu l-purgatorju ġenna.

* * *

Konfuċju, jew Kung Fut-zu mhux xi alla taċ-Ċiniżi, iżda kif ifisser l-istess ismu hu filosfu li għallem kif il-bniedem għandu jġib ruħu mal-bnedmin l-oħra. Din li ġejja hi xempju ta' dak li għallem.

* * *

Meta Jintzi, il-magħruf diplomatiku ta' l-Istat ta' Ki, intbagħat bħala ambaxxatur fis-saltna ta' Ċu, ir-Re ta' dik l-art ried iċekknu f'għajnejn is-sudditi tiegħu, billi kien jaf li Jintzi, għalkemm qsajjar f'persuntu, kien ftit u xejn imkabbar b'għerfu.

Għalhekk ordna li fejn il-bieb ewlieni tal-belt kapitali ta' Ċu li fiha kien igħammar, tinfetaħ mina baxxa li tinfed minn naħa għal oħra tas-sur li kien idawwar dik il-belt, u li dan isir b'għaġla kbira biex titlesta qabel il-jum li fih Jentzi kellu jidħol il-belt biex jersaq quddiem ir-Re ħalli jippreżenta l-kredenzjali tiegħu. Wasal dak il-jum u r-Re ta ordni stretta lill-Kaptan tal-għassa tas-sur li ma jħallix lill-ambaxxatur jidħol mill-bieb tal-belt imma jordnalu li jgħaddi mill-mina li kienet bdiet tissemma "it-triq tal-klieb".

Ġara li meta Jintzi wasal ħdejn il-bieb tal-belt il-kaptan mar fuqu u qallu jagħmel kif kien ordna r-Re. Jintzi baxxa rasu u wieġeb hekk: "Ikun għajb jekk jiena ma nidħolx fl-art kbira ta' Ċu mill-bieb grandjuż li tassew jixraq lilha u lir-Re maestuż tagħha".

Meta dan il-kliem wasal f'widnejn ir-Re, dan minnufih ordna li jġibulu lill-ambaxxatur quddiemu, u kif Jintzi tressaq quddiem it-tron qallu: "L-art ta' Ki żgur tinsab nieqsa min-nies sakemm għażlu bniedem daqshekk qasir bħala ambaxxatur".

"Xejn minn dan, Maestà", wieġeb Jintzi; "pajjiżi hu mimli b'nies kbar f'persunthom u f'moħħom imma aħna nagħżlu l-ambaxxaturi li jixirqu lill-artijiet fejn jintbagħtu. U, kif inti ġa ndunajt, jiena l-iqsar u l-inqas għaref fost in-nies ta' pajjiżi".

* * *

Imma l-akbar u l-isbaħ tagħlima noħduha minn għand Kristu. Din l-istorja li ġejja hi dwar Ġwanni, l-Appostlu l-aktar maħbub fost it-Tnax, u li baqa' għażeb sa ma miet.

* * *

Meta l-Appostlu Ġwanni kien daħal sewwa fis-snin, id-dixxipli tiegħu kienu jħobbu jinġabru ma' dwaru biex minn fommu jisimgħu xi ħaġa dwar il-ħajja u t-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu. Imbagħad

huma, billi dan kien x'aktarx jiġri fil-għodu kmieni, kienu jmorru 'l hawn u 'l hinn fil-belt u l-irħula ta' ma' dwar biex iwasslu lill-bnedmin l-aħbar it-tajba tal-miġja tal-Messija fid-dinja.

Ta' kuljum, tista' tgħid, dawk id-dixxipli kienu jieħdu l-ispunt jew il-lehma tad-diskors li kienu jagħmlu minn dak li kienu jkunu semgħu minn għand Ġwanni, u għalhekk kull min kien jagħtihom widen u jilqa' kliemhom f'qalbu kien jista' jitqies mhux biss Nisrani imma wkoll dixxiplu tal-Appostlu Ġwanni. B'dan il-mod, minn jum għal ieħor u minn sena għal oħra l-għadd tal-fidili baqa' dejjem joktor u l-aħbar it-tajba tixtered dejjem aktar.

Darba waħda, tgħid it-tradizzjoni, għadd ta' dixxipli mimlijin ħeġġa biex jikkonvertu n-nies u jwassluhom għand Kristu talbu lil Ġwanni jgħidilhom x'għandhom igħidu ħalli kliemhom ikollu setgħa akbar. Ġwanni dam ftit ma fetaħ ħalqu u d-dixxipli baqgħu fuq il-mistennija; imbagħad qallhom hekk: "Lil min jiġi jismagħkom għidulu — 'Ulied Alla, ħobbu lil xulxin' ".

Minn wiċċhom kien jidher li dawk id-dixxipli kienu qed jistennew xi ħaġa oħra, xi ħaġa, forsi, aktar qawwija, aktar solenni. "Ma għoġobkomx dak li għidtilkom?" staqsiehom Ġwanni; "dan ġa għidnihulu lill-poplu", wieġbu huma; "aħna ippriedkajna l-imħabba għal xulxin, kemm-il darba; ma tistax tgħidilna xi ħaġa ġdida xi nxandru lill-bnedmin?"

Ġwanni ċaqlaq rasu. "Le, issa u dejjem; dak il-messaġġ, qadim kemm hu qadim, jibqa' dejjem ġdid. Xandru fost il-bnedmin dak li tassew għallem il-Feddej tagħna — 'Uliedi, ħobbu lil xulxin' ".